MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**DEBORAH MIFSUD ATTARD**

Seduta tas-16 ta' Novembru, 2012

Talba Numru. 1030/2011

**Dr Robert Lautier**
**I.D. 530781**

**Vs**

**Kurt Galea Pace**
**I.D. 243667(M)**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz tat-Talba fl-ismijiet premessi pprezentat fid-19 ta' Dicembru 2011, fejn l-attur huwa *Dental Surgeon* ppresta s-servizzi professjonali lill-konvenut. Illi sa llum hemm bilanc il-kont mibghut mill-attur lill-konvenut fl-ammont ta' elf, mitejn u tlieta u ghoxrin Ewro (€1,223).

Illi nonostante li l-konvenut gie interpellat diversi drabi sabiex ihallas il-bilanc dovut minnu lill-atturm huwa xorta baqa inadempjenti;

Ghalhekk kellha ssir din il-kawza. Bl-ispejjez inkluz l-ispejjez tal-ittra legali datata 23 ta’ Novembru, 2010 u l-ittra ufficjali taht l-Artiklu 166A tal-Kap 12 datata 25 ta’ Awissu, 2011 u bl-imghax mid-data meta gew rezi s-servizzi professjonali.

Il-konvenut huwa minn issa ngunt in subizzjoni.

Ra illi wara li l-konvenut gie debitament notifikat fis-seduta tas-27 ta’ Jannar, 2012 intalab differiment peress illi kien hemm lok ghal transazzjoni.

Pero l-konvenut ma pprezenta l-ebda risposta.

Illi fis-seduta tas-17 ta’ Frar, 2012 l-attur ircieva zewg cekkijiet li bihom thallas is-sorte izda mhux l-ispejjez u l-imghax.

Ra n-nota tal-mistoqsijiet tal-attur ghas-subizzjoni tal-konvenuta sabiex twiegeb ghalihom bil-gurament tieghha u biex b’hekk il-kreditu hawn pretiz jigi ppruvat (Artiklu 698(2) u 702 tal-Procedura Civili)

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm is-socjeta konvenuta giet debitament notifikat bl-Avviz, ma kkontestax il-kawza fit-terminu preskritt mill-Ligi u lanqas ma dehret ghas-seduta tal-1 ta’ Gunju, 2012 u lanqas dik tal-25 ta’ Ottubru, 2012 u lanqas ghas-seduta ta’ llum.

Ra l-Kapitlu li gie pprezentat mill-attur fis-seduta fil-25 ta’ Otturbu, 2012 u filfatt il-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondi ghalih. In-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha titiehed bhala mistqarra.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta’ attrici giet imhallsa permezz ta’ zewg cekkijiet it-Tribunal

jikkundanna lill-konvenut ihallas l-ispejjez tal-kawza kif ukoll l-imghax fuq l-ammont mitlub fl-avviz mid-data tal-prezenata sad-data tal-hlas li diga sar, kif ukoll l-ispejjez tal-ittra ufficjali taht l-Artiklu 166 A tal-Kap 12.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------